Ian Buckler by
National Drama Company
31st January and
1st February 1987

# Teatru Manoel

1732

1.14

IL-KUMPANIJA NAZZJONALI TAD-DRAMA

*bil-kollaborazzjoni ma*

L'AEROFLOT SOVIET AIRWAYS

*tippreżenta*

# ID-DISKLU

dramm fi tliet atti
ta' STEPHAN FLORIAN

fit-

**Teatru Manoel**
**Valletta**

**nhar is-Sibt u l-Ħadd**
**31 ta' Jannar u l-1 ta' Frar 1987**

Intqalu u inkitbu bosta ħwejjeġ dwar it-twelid tal-KUMPANIJA NAZZJONALI TAD-DRAMA illi seħħ f'Ottubru 1986, bil-produzzjoni ta' IL-BORG PISANI.

F'wieħed mill-aħjar staġuni għad drama f'dawn l-aħħar snin, l-ewwel żewġ produzzjonijiet, kif ukoll in-"1919" (imħabbra dan l-aħħar f'ko-produzzjoni mal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u l-Ambjent) kellhom saħansitra kummenti kontroversjali sa minn qabel ma deheru fuq il-palk. Dan jawġura tajjeb għat-tisħiħ teatrali f'pajjiżna.

Mingħajr ma tirfes f'egħlieqi diġa kkultivati minn soċjetajiet drammatiċi oħra ix-xogħol ta' l-K.N.D. ser jkun jikkonsisti filli:—

(a) joħloq repertorju ta' xogħlijiet teatrali b'emfasi speċjali fuq identità u karatteristiċi Maltin, mingħajr ma jeskludi x-xogħol klassiku barrani.
(b) tlaqqa' flimkien l-aħjar elementi tal-palk Malti illi jinsabu mifruxa f'għaqdiet u gruppi diversi mxerrdin f'Malta u Għawdex.
(c). trawwem udjenza żagħżugħa li għada pitgħada trid tieħu postha fit-teatri tagħna.
(d) tħeġġeġ l-awturi Maltin, stabbiliti u m'humiex, biex iħaddmu l-pinna favur it-teatru Malti; u
(e) toffri opportunitajiet għall-istudenti fl-iMTADA (atturi/stagemanagers/scriptwriters) biex isibu aktar lok fejn juru t-talenti tagħhom.

**Sadanittant il-Kumitat tat-Tmexxija tat-Teatru Manoel iġedded l-istedina tiegħu lill-Awturi u persuni oħra nteressati fl-iżvilupp tad-drama f'pajjiżna, biex iwasslu l-ideat u s-suġġerimenti tagħhom ħalli tkompli tissaħħaħ il-Kumpanija Nazzjonali tad-Drama.**



# ID-DISKLU

*Il-Kast fl-ordni ta' kif jidhru:*

| | |
|---|---|
| *Disklu* | **Dominic Said** |
| *Majsi* | **Tommy Borg** |
| *Sasu* | **Joe E. Camilleri** |
| *Nardu* | **Tonio Chetcuti Caruana** |
| *Cetta* | **Yvonne Ebejer** |
| *Framunzell* | **Mario Attard** |
| *Isqof* | **Andrè Ellul** |
| *Framartin* | **John Dimech** |
| *Pizu* | **Sharon Ciantar** |
| *Zozza* | **Elton Mamo** |
| *Lola* | **M'Anne Muscat** |
| *Sajjied* | **Charles Caruana** |
| *Sajjied/Qassis* | **Fabian Xerri*** |
| *Sajjied/Baħri Ingliż* | **Charles ~~Seiberras~~*** |
| *Mara/Għarbi* | **Lourdes Attard*** |
| *Mara/Suldat Normann* | **Isabelle Attard*** |
| *Mara/Kavallier* | **Marcelle Theuma*** |
| *Mara/Tfajla* | **Anna Cachia*** |
| *Mara/Suldat Frančiż* | **Jaqui Bartolo*** |
| *Mara* | **Joanna Cefai*** |
| *Mara* | **Doris Formosa*** |
| *Mara* | **Mary Zarb*** |

*Kitba u Direzzjoni:*
**STEPHEN FLORIAN**

| | |
|---|---|
| *Direttur* | **Joe Vella** |
| *Ass/Dir. tal-palk* | **Marco Fenech*** |
| *Props* | **Mario Caruana*** |
| | **Arthur Lapira*** |
| | **Reuben Spiteri*** |
| *Set* | **Mario Attard** |
| *Kostumi* | **Connie Schembri** |
| *Awdjo* | **Victor Cilia*** |
| *Make Up* | **Lina Galea Cumbo** |
| *Publiċità* | **Maud Ruston** |
| *Disinn tal-poster* | **Paul Caruana** |
| *Disinn ta' l-arloġġ* | **John Caruana** |

(*) *Studenti ta' l-MTADA*

*ħajr*
Radju Mediterran,
Ministeru tal-Agrikultura

## G.I.T.I.S. — Lunacharsky State Theatre Institute



G.I.T.I.S. huma l-inizjali bir-russu ta' dak li huwa l-Istitut Statali tat-Teatru li huwa imsemmi għal Anatoli Vassilievich Lunacharsky li kien wieħed mill-imħuħ ewlenin fil-qasam tal-kultura u l-edukazzjoni wara r-revoluzzjoni. Dan l-Istitut li jinstab ġewwa Moska, jaf il-bidu tiegħu lura għas-sena 1878, u l-ħolqien tiegħu huwa sinonimu ma' ismijiet bħal ta' Konstantin Stanislavsky u Ivan Nemirovich Danchenko.

Dawn it-tnejn, ħadmu bis-sħiħ biex jagħmlu l-arti tad-Drama bħala ġeneru indipendenti u organizzat, fi żmien meta ċ-ċinema u t-televiżjoni kienu lesti biex jieħdulu postu.

G.I.T.I.S., ħa l-forma li jinstab fiha llum, wara r-revoluzzjoni ta' Ottubru 1917, fejn nies bħal l-istess Stanislavsky baqa' jaħdem sa mewtu fl-1938.

Illum G.I.T.I.S. jikkonsisti minn numru ta' Fakultajiet differenti, fosthom Direzzjoni teatrali; rectar; teorija tat-teatru, operetti, ballet u oħrajn. Il-parti l-kbira tal-korsijiet huwa ta' ħames snin u jwasslu għal M.A. Qabel ma jiġu aċċettati fil-G.I.T.I.S., l-istudenti barranin isegwu kors ta' sena fir-Russu.

## *STEPHEN FLORIAN*



Stephen Florian kien ġie mogħti l-opportunità li jmur jistudja fl-Unjoni Sovjetika mill-Għaqda tal-Ħbiberija Maltija Sovjetika fl-1983. Wara sena studju fil-fakulta' preparatorja tal-Università ta' Moska, huwa beda l-istudji tiegħu fil-Lunacharsky State Theatre Institute li jġib l-isem imqassar ta' G.I.T.I.S. Mill-1980 huwa kien membru attiv tal-grupp Lyceum Youth Theatre li għalkemm ma kellux ħajja twila, kien irnexxielu jifforma nukleu ta' atturi li l-biċċa l-kbira minnhom illum jagħmlu parti mis-sinsla ta' gruppi bħal Ateatru u oħrajn.

Kien f'dan il-perjodu li FLORIAN kiteb *Meta Morna Triq il-Bramel* u *Ragħad* (April u Awissu 1980) u xogħlijiet oħrajn li għadhom sal-lum mingħajr ma ttellgħu. *ID-DISKLU* miktuba fl-1982 sa tara d-dawl għall-ewwel darba din is-sena. Fost xogħlijiet oħrajn insibu: *Taħt id-daqna ta' San Ġużepp; Jekk ma turix il-biljetti terġa tħallas* — li hija s-*sequel* għal *Meta Morna triq il-Bramel* u *Hekk fis-sema hekkda fl-art* miktuba fl-1979 u mtella għall-ewwel darba mill-istudenti tal-M.T.A.D.A. f'Diċembru tal-1984.

Ġewwa Moska fil-preżent, FLORIAN jinsab fit-tielet sena ta' kors ta' ħames snin li jwassal għal grad ta' MA fl-arti dramnıatika. L-ewwel sena ta' dan il-kors huwa kellu x-xorti jgħaddiha taħt it-tmexxija ta' Maria Knebel — mara mimlija bil-għomor ta' 86 sena li kienet studenta ta' Stanislavsky. Dawn l-aħħar sentejn, FLORIAN qed jistudja taht it-tmexxija tal-prof. Anna Abfastsova il-kap tas-sezzjoni storja tat-teatru fl-istess istitut u awtriċi ta' ħafna kotba fuq diversi aspetti tad-drama.

Barra mill-istudju ġewwa l-istitut, l-istudenti tal-G.I.T.I.S. tingħatalhom l-opportunità li jagħmlu il-prattika annwali tagħhom fid-diversi teatri li jeżistu ġo Moska u bliet Sovjetiċi oħrajn. Bis-saħħa ta' din l-opportunità, FLORIAN kellu darbtejn l-opportunità jagħmel xogħol ta' prattika fit-teatru Taganka ġewwa Moska, kif ukoll iżur diversi teatri ġewwa Leningrad.

TEATRU MANOEL

17 32

THE MANOEL THEATRE OPERA COMPANY

*proudly presents*

***Miriam Gauci*** *and* ***Joe Huber***
***(soprano)*** ***(tenor)***

*in*

# L'ELISIR D'AMORE

*by*
*GAETANO DONIZETTI*

*with*

LINO ATTARD and MARCELLO LIPPI

*and introducing* JOAN CASSAR

with the participation of the ORCHESTRA and CHOIR of the MANOEL THEATRE

*Conductor:* JOSEPH SAMMUT
*Director:* JOE FENECH

**Tuesday, 10th February 1987 at 6.30 p.m.**
**Thursday, 12th February 1987 at 7.30 p.m.**
**Saturday, 14th February 1987 at 7.30 p.m.**

*Prices:*
Stalls: Lm3.75, Lm3.00, Lm2.50
Boxes: From Lm6.00
Gallery: Lm1.50

Booking at the Manoel Theatre opens on Friday 30th January.
Booking by telephone (626389) will be acceptable as from the 2nd February.
Tickets so booked must be collected within forty-eight hours.

The Programme's Duration is approx. 2¾ hours

TEATRU MANOEL, VALLETTA, MALTA
TEL. 222618/222659
TELEGRAMS: MANOEL